**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 21/98</u>***

***Pulizija***
***Sp. Abraham Zammit***
***v***
***Michael Zahra***

Illum 26 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** (semplici) tad-droga eroina kif ukoll **<u>recidivita'</u>** – *riferibbilment ghal 19 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar xhur qabel di n id-data.*

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-**fedina penali nadifa** tal-imputat u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-ewwel akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Victoria Grech ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju

markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap.152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***